

KSUR TAD-DRITTIJET TAL-AWTUR ONLINE
FL-UNJONI EWROPEA
MUŻIKA, FILMS U TELEVIŻJONI (2017-2020), XEJRIET U MOTIVATORI
SOMMARJU EŻEKUTTIV



SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-rapport jeżamina l-konsum ta' kontenut li jikser id-drittijiet tal-awtur fl-Istati Membri tal-UE u fir-Renju Unit ⁽¹⁾, għal programmi televiżivi, mużika u films, bl-użu ta' varjetà ta' metodi ta' aċċess mobbli u b'desktop, inkluż software ta' streaming, tniżżil, torrents u estrazzjoni diġitali. Ir-rapport jikkonsisti f'żewġ partijiet, analiżi deskrittiva tax-xejriet fil-konsum ta' kontenut ta' ksur, u analiżi ekonometrika tal-fatturi li jinfluwenzaw id-differenzi fir-rati tal-piraterija fost l-Istati Membri tal-UE.

L-analiżi hija bbażata fuq sett rikk ta' *data* dwar l-aċċess għal siti web li joffru mużika, films u programmi televiżivi piratati fit-28 Stat Membru kollha, bejn Jannar 2017 u Diċembru 2020. Is-sett tad-*data* jinkludi iktar minn 240 elf aggregat ⁽²⁾ għal total ta' 133 biljun aċċess.

Il-konklużjoni ewlenija tar-rapport hija li l-piraterija diġitali qed tonqos għat-tipi kollha ta' kontenut, kif muri fil-Figura 1 u t-Tabella 1 hawn taħt. Flief għal żieda temporanja fil-piraterija tal-films fir-rebbiegħa tal-2020, it-tnaqqis kompli matul il-pandemija tal-COVID: il-piraterija naqset b'20 % fl-2018, b'6 % fl-2019 u b'34 % fl-2020 ⁽³⁾.

⁽¹⁾ Ir-Renju Unit huwa inkluż f'dan l-istudju għaliex kien Stat Membru tal-Unjoni Ewropea matul il-biċċa l-kbira tal-perjodu kopert mir-rapport u kien inkluż fir-rapport preċedenti li jkopri l-perjodu mill-2017 sal-2018.

⁽²⁾ Preċiżament 241 920 aggregat.


⁽³⁾ Ir-rati tal-bidla ġew ikkalkolati billi tqabblu ċ-ċifri ta' Diċembru ta' kull sena maċ-ċifri korrispondenti mis-sena preċedenti. Billi l-ebda *data* ma kienet disponibbli għal Diċembru 2016, ir-rata tal-bidla tal-2017 kienet ikkalkolata billi tqabbel Jannar 2018 ma' Jannar 2017.

Tabella 1 – Bidliet annwali fl-aċċess għal kontenut piratat, mill-2017 sal-2020

	TOTAL	TELEVIŻJONI	FILMS	MUŻIKA
2017*	-10.9 %	-2.9 %	-18.9 %	-23.5 %
2018	-20.1 %	-15.2 %	-16.4 %	-38.4 %
2019	-6.3 %	-1.0 %	-4.7 %	-30.2 %
2020	-33.8 %	-26.9 %	-50.6 %	-40.9 %

*Jannar 2018 vs Jannar 2017

Figura 1 – Xejriet tal-piraterija EU28, mill-2017 sal-2020



L-aċċess għall-kontenut piratat fl-UE naqas bin-nofs bejn l-2017 u l-2020. It-tnaqqis kien partikolarment sinifikanti fil-mużika, bi tnaqqis ta' 81 % fl-aċċessi għall-kontenut piratat. Il-piraterija tal-films naqset bi 68 % u l-piraterija tat-televiżjoni b'41 % matul l-istess perjodu.

Kien hemm differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri. L-utent tal-internet medju fl-UE aċċessa kontenut li jikser id-drittijiet tal-awtur 5.9 darbiet fix-xahar matul l-2020. L-utenti Latvjani aċċessaw siti illegali kważi d-doppju ta' dan l-ammont, filwaqt li l-utenti Pollakki għamlu dan 3.8 darbiet fix-xahar. B'mod ġenerali, l-Awstrija, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, Spanja u r-Renju Unit kienu taħt il-medja tal-UE.

L-analiżi ekonometrika fit-Taqsima 5 tfittex li tispjega dawn id-differenzi fost l-Istati Membri u tul iż-żmien. Abbażi ta' rieżami tal-letteratura eżistenti u s-sorsi ta' *data* disponibbli, ġew eżaminati għadd ta' fatturi li jistgħu jinfluwenzaw il-konsum ta' kontenut piratat f'pajjiż partikolari ⁽⁴⁾.

Fost il-fatturi soċjoekonomiċi, il-livell ta' **inugwaljanza** u ta' **introjtu per capita** jidher li għandhom l-akbar impatt fuq il-konsum ta' kontenut piratat: introjtu per capita għoli u grad baxx ta' inugwaljanza fl-introjtu huma assoċjati ma' livelli iktar baxxi ta' konsum illeċitu, u għaldaqstant iżommu fatturi oħra kostanti.

Aċċettazzjoni akbar tal-piraterija diġitali, kif muri fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet rilevanti fl-istudju dwar il-Perċezzjoni tal-IP, hija assoċjata wkoll ma' livell ogħla ta' konsum ta' kontenut piratat. F'pajjiżi b'livelli simili ta' introjtu u inugwaljanza, il-piraterija għandha t-tendenza li tkun ogħla f'dawk il-pajjiżi fejn proporzjon akbar tal-pubbliku tqis il-piraterija bħala għażla aċċettabbli jekk ma jkun hemm l-ebda offerta legali disponibbli (kif irrapportat fl-istudju dwar il-Perċezzjoni tal-IP), b'mod partikolari fil-każ tal-piraterija tal-mużika.

L-għarfien dwar offerti legali (kif irrapportat fl-istudju dwar il-Perċezzjoni tal-IP) jidher li jnaqqas il-konsum ta' kontenut piratat. Bl-istess mod, in-**numru ta' pjattaformi legali** għall-films u l-istazzjonijiet televiżivi jnaqqas ukoll il-konsum ta' kontenut piratat (dan l-effett ma jstax jiġi ttestjat fil-każ tal-mużika għaliex in-**numru ta' pjattaformi** baqa' stabbli tul il-perjodu fi kważi l-pajjiżi kollha).

Barra minn hekk, hemm assoċjazzjoni pożittiva bejn il-**proporzjon ta' żgħażaġh** (li għandhom bejn 15 u 24 sena) fil-popolazzjoni ta' pajjiż u l-estent tal-piraterija tal-films.

⁽⁴⁾ Ir-riżultati tal-analiżi ekonometrika huma sinifikament aktar robusti f'dan l-istudju meta mqabbel mal-istudju preċedenti (tal-2019). Id-*data* addizzjonali disponibbli ppermettiet l-użu ta' tekniki statistiċi aktar avvanzati minn dawk disponibbli fl-istudju ta' qabel.